Kopja Informali

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 53/2023**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Roderick Attard)**

**Vs**

**Yurik Orsini**
**(K.I. 439602L)**

**Illum, 23 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Yurik Orsini ta' għoxrin (20) sena iben Massimiliano u Melanie xebba Theuma, imwieled il-Pietà, Malta nhar it-30 ta' Novembru 2002, residenti ġewwa l-fond 42, Margrace, Pjazza Danino, Naxxar u detentur tal-karta tal-identità numru 439602L u akkużat talli nhar l-4 ta' Settembru 2021 ġewwa Triq Piertu Dacoutros u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Sraqt sitt (600) mitt euro fi flus kontanti, ID Card Maltija, ID Card tal-Pakistan, TM Driver Tag, Liċenzja tas-sewqan Maltija u żewġ cards, liema serq huwa kwalifikat bil-valur (meta l-valur tal-ħaġa misruqa

ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Ahmed Hamza u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (80 ta' Settembru elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ġewwa Birkirkara u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

2. Sraqt mitt (100) euro fi flus kontanti, Pouch iswed, Liċenzja tas-sewqan, ID card Maltija, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Joseph Frantz u /jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena stabbilita għal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali għas-sigurtà ta' Ahmed Hamza u Joseph Frantz.

U aktar talli fl-imsemmija dati u cioe' dakinhar tat-tmienja (8) ta' Settembru elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u/jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-gżejjer Maltin:

3. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr C. L. Stafrace Zammit) nhar l-għaxra (10) ta' Frar elfejn u wieħed u għoxrin (2021) li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Yurik Orsini. Kif ukoll tordna li s-somma ta' depożitu ta' tmiem (800) mitt euro kif ukoll il-garanzija personali ta' għaxar t'elef (10,000) jgħaddu favur il-gvern.

4. Kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr N. Galea Sciberras) nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru elfejn u għoxrin (2020)

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Yurik Orsini. Kif ukoll tordna li s-somma ta' depożitu ta' tlett (300) mitt euro kif ukoll il-garanzija personali ta' ħames t'elef (5,000) jgħaddu favur il-gvern.

Il-Qorti kienet mitluba li tittratta ma Yurik Orsini bħala persuna reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'numru ta' sentenzi liema sentenzi huma deċiżi u ma jistgħux jiġu appellati.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2024 il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa tisma x-xhieda u milli terġa tirċievi d-dokumenti kollha li ġew preżentati quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sa qabel dik l-udjenza.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi dakinhar tat-8 ta' Settembru 2021, għall-ħabta ta' 12:30am ċerta Joseph Franz irrapporta li safa' vittma ta' serqa, fejn ittieħditlu kartiera li kien fiha madwar €150. Hu kien xufier ta' Taxi u dakinhar tal-inċident kien xogħol.

Għall-ħabta tal-11:30pm, kien wassal żewġ persuni minn Birkirkara għal ħanut f'Ħal-Qormi. Meta waslu fid-destinazzjoni tagħhom raw li l-ħanut kien magħluq u talbuħ jeħodhom id-dar, fi flats f'Birkirkara. Ħadhom lura u hemmhekk talabhom id-dritt tar-rikba. Qalulu biex imur magħhom ħa jħallsuħ u hu pparkja l-vettura tat-taxi u niżel magħhom jistennihom. Wieħed minnhom baqa' miegħu filwaqt li l-ieħor qallu li se jmur id-dar iġib il-flus. Wara ftit din il-persuna irritornat b' €20 u Franz qallu li se jtiħ il-bqija. Meta rritorna fil-vettura biex iġib il-bqija induna li kienu ittieħdulu l-portalfoll, l-ID cards, il-flus tax-xogħol u l-flus tiegħu. Dawn kienu fil-pouch fil-karozza u anke fil-bieba tal-karozza. Hu għaraf lill-akkużat bħala dik il-persuna li baqgħet miegħu meta l-persuna l-oħra marret iġġib il-flus. Hu mar jagħmel rapport mal-Pulizija dwar dan il-każ. In kontro-eżami qal li kien ipparkja ftit metri bogħod minn fejn kien qed jistenna mal-persuna l-oħra. Il-vettura ma setax jaraha minn fejn kien qed jistenna. Qal li l-aħħar li ċċekkja li kellu l-pouch u l-flus kien f'xi l-10:00pm għax kellu klijent qabilhom. Qal li bejn l-aħħar klijent u l-akkużat hu dejjem baqa' jistenna fil-vettura. Qal li l-kumpanija li jaħdem magħha ma tatix l-ismijiet jew dettalji tal-klijenti lix-xufiera minħabba l-protezzjoni tad-data.

Mill-filmat ippreżentat jidher l-akkużat qed jistenna ma' Joseph Franz fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2021. Jidher li l-akkużat telaq jiġri minn fuq il-post u ftit sekondi wara kien qed jiġri wkoll, fl-istess direzzjoni, il-parte ċivile.

Illi xehed ukoll Hamza Ahmed fejn qal illi huwa jaħdem bħala xufier tat-taxis. Dakinhar tal-4 ta' Settembru 2021 huwa mar jiġbor persuna mill-Imrieħel u li ried imur iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal-Qormi. Meta waslu ħdejn ir-roundabout bejn Ħal-Qormi u Fleur-De-Lys, dik il-persuna qaltlu li ma kelliex flus fuqha u talbitu jeħodha lura d-dar. Saqsieħ jekk kellux bqija ta' €50 peress li nanntu kellha €50 d-dar u Hamza Ahmed ħareġ il-portafoll biex jiċċekkja u qallu li kellu. Dik il-persuna telqet mill-karozza u qalet lix-xufier biex jistenna. Wara ftit minuti, dik il-persuna rritornat u qaltlu li nanntu ma rieditx ittiħ il-flus għax ma kienitx qed temmnu. B'hekk talab lix-xufier imur miegħu. Dik il-persuna telqet u ma reġgħetx ġiet lura. Wara ftit tal-ħin

telaq 'l hemm biex ikompli bil-ġurnata tiegħu. Wara xi tlett vjaġġi oħra li kellu, klijent ieħor talbu l-bqija tal-flus u minn hemm induna li l-portafoll tiegħu kien nieqes. Hu mar jagħmel rapport mal-pulizija. Fil-portafoll kellu madwar €600 kif wkoll xi dokumenti ta' identifikazzjoni. Fis-7 ta' Settembru 2021, Hamza Ahmed ra lil din il-persuna b'vettura bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ-595 u ċempel lill-pulizija. L-għada reġa' mar f'dak l-istess post u reġa ra lil dik il-persuna, din id-darba flimkien mal-akkużat. Dik il-persuna avviċinatu u saqsietu għalfejn kien qed imur hemmhekk u Hamza Ahmad qallu għax sraqtli l-portafoll bid-dokumenti. Dik il-persuna qaltlu li mhux hu serqu iżda kien ħabib tiegħu. Qallu li jekk ititħ €200 jerġa jġiblu d-dokumenti lura. Kellu biss €90 fuqu u tahomlu. Dik li-persuna rodditlu l-portafoll lura bid-dokumenti iżda mingħajr il-flus li kien hemm fih. Hamza Ahmed għara lill-akkużat bħala l-persuna li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ-595 dakinhar tat-8 ta' Settembru 2024. In kontro-eżami kkonferma li l-akkużat ma kienx il-persuna li serqitlu l-portafoll.

Ikkonsidrat;

Illi Yurik Orsini huwa akkżuat b'żewġ serqiet li seħħew fl-4 ta' Settembru 2021 u fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2021. Dawn is-serqiet seħħew fl-istess ambjenti u b'*modus operandi* simili.

L-ewwel akkuża tirrigwardja l-allegata serqa li seħħet a detriment ta' Hamza Ahmed dakinhar tal-4 ta' Settembru 2021. Mix-xhieda tal-istess parte ċivile, jirriżulta li s-serqa tal-portafoll setgħet seħħet minn persuna oħra, tant li meta kien mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx l-akkużat li seraqlu l-portafoll, l-istess parte ċivile kkonferma li ma kienx hu. L-involviment tal-akkużat skont Hamza Ahmed, madanakollu, jidher li kien biss bħala s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ-595 dakinhar tat-8 ta' Settembru 2021, fejn l-istess akkużat kien fil-preżenza tat-terza persuna li, skont l-istess parte ċivile, kien il-bniedem li ħadlu l-

portafoll. Dakinhar tat-8 ta' Settembru 2021, Hamza Ahmed kellu t-tielet inkontru ma' dik il-persuna u ngħata lura d-dokumenti li kienu ttieħdulu minn dik il-persuna (u mhux mill-akkużat).

Illi l-pulizija ressqu l-prova wkoll li l-akkużat effettivament kien kera l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ-595 f'dak il-perjodu ta din l-allegata serqa.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni ma rabtitx lill-akkużat ma din l-ewwel akkużat. Il-parte ċivile stess ikkonferma li l-akkużat ma kienx il-persuna li allegatament ħadlu l-portafoll u lanqas raħ dakinhar tal-allegata serqa. Illi għalkemm il-prosekuzzjoni ipprovat li l-akkużat kellu l-kontroll tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HQZ-595 u li kien fil-preżenza tal-persuna li allegatament ħadet il-portafoll dakinhar tat-8 ta' Settembru 2021, bl-ebda mod ma jfisser li l-prosekuzzjoni pprovat l-involviment tal-akkużat f'din l-akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Għaldaqstant, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova din l-ewwel akkuża sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża tirrigwardja l-allegata serqa li seħħet fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2021 a detriment ta' Joseph Frantz. F'dan il-każ, il-parte ċivile għaraf lill-akkużat bħala wieħed miż-żewġ persuni li rikbu miegħu fit-taxi. Għarfu bħala dik il-persuna li telaq minn ħdejħ sabiex iġib il-flus mid-dar. Fil-filmati CCTV, it-taxi tidher qed tavviċina l-ambjenti fejn seħħet is-serqa. L-akkużat u l-parte ċivile Franz jidhru miexjin flimkien. Wara ftit minuti, l-akkużat jidher qed jiġri minn quddiem il-cameras tas-sigurtà u wara ftit ħin jidher jiġri wkoll il-parte ċivile. Fl-ebda mument ma jidher li

hemm persuni oħra miexjin f'dawk l-ambjenti fil-filmati miġbura. Il-parte ċivile kkonferma li meta rikkihom fit-taxi, l-affarijiet li ttieħdu kienu fil-vettura u meta mar lura ma sabhomx hemm.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi sal-mumenti li l-akkużat, il-persuna l-oħra u Joseph Franz kienu fil-vettura, il-portafoll bil-flus u d-dokumenti kienu għadhom fil-vettura. Irnexxielha tipprova wkoll li waqt li Joseph Franz kien għadu fuq il-post fejn waqqafhom, ir-res furtiva kienet ittieħdet mill-vettura tiegħu. Irnexxielha tipprova wkoll li x'ħin il-parte ċivile ikkonfronthom billi qalilhom "sraqtuni", huma telqu jiġru 'l hemm. Illi dawn l-elementi kollha magħduda flimkien juri li l-unika soluzzjoni plawsibbli hi li l-akkużat seraq il-portafoll tal-parte ċivile u ħarab, flimkien mal-ħabib tiegħu, minn fuq il-post. Illi ġie ppovat li din is-serqa seħħet għall-ħabta tal-11:30pm u li l-portafoll bil-flus u d-dokumenti ta' identifikazzjoni u liċenzja kienu miżmuma fil-vettura. Ġie pprovat ukoll li Joseph Franz, dak il-ħin, kien qed jaħdem bħala *driver* ta' vettura.

Illi ai termini tal-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen lil Joseph Franz bħala xhud u għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din it-tieni akkuża bil-gravam kollha mogħtija lill-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet akkużat tirrigwardja l-ksur ta' kondizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest imposti fuq l-akkużat minn din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar l-10 ta' Frar 2021. Illi għalkemm vera kopja ta' dawn il-kondizzjonijiet ġiet eżebita in atti, il-prosekuzzjoni ma kkonfermatx li l-akkużat huwa l-istess persuna li qiegħed taħt dawk il-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest. Di più, mid-Digiriet li jimponi dawn il-kondizzjonijiet ma hemmx dettalji jew konnotati li jistgħu iserrħu moħħ il-Qorti illi l-persuna indikata f'dawk il-

kondizzjonijiet hija l-istess persuna akkużata quddiem din il-Qorti f'dawn il-proċeduri.

Illi fir-rigward tar-raba' akkuża, ossija l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-arrest imposti fuq l-akkużat bid-digriet tat-28 ta' Novembru 2020, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar din l-akkuża.

Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova it-tielet u r-raba' akkużi miġjuba kontra l-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi rriżulta mill-provi prodotti li l-akkużat kien instab ħati b'sentenza ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta erogata nhar it-2 ta' Diċembru 2019 minn liema sentenza ġiet ikkonfemata bħala waħda finali. Ili għalhekk, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-addebitu tar-reċidiva fir-rigward tal-akkużat.

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti semgħet lill-uffiċjal tal-probation tixhed illi kemm ilu jiġi segwit mid-Dipartiment tal-Probation and Parole, l-akkużat irreġistra progress sostanzjali kemm fil-vizzji li kellu u anke fil-ħajja tiegħu. Tant li għandu impjieg fiss u anke qed jiġġieled mal-vizzji li għandu. Jidher li d-diversi ordnijiet ta' Probation mogħtija minn dawn il-qrati fil-konfront tiegħu qegħdin jagħtu l-frott mistenni u l-akkużat qed jibbenfika mill-għajnuna mogħtija mill-probation officers.

Għalhekk, il-qorti hi tal-fehma illi l-akkużat għandu jkompli jibbenefika mis-servizzi tad-Dipartiment tal-Probation and Parole u anke in vista tal-progress illi qed jagħmel fil-ħajja tiegħu, kif ukoll in vista tal-ammont derubat, il-Qorti ma tarax illi jkun idoneju illi l-akkużat jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50 261(d)(f)(g), 268(ċ), 270, 271(g) u 281(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil **Yurik Orsini ħati** tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġiħ taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar mil-lum, bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment filwaqt li qed tilliberaħ mill-bqija tal-akkużi dedotti kontra tiegħu.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lil Yurik Orisini jirrifondi lil Joseph Franz is-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) rappreżentati ammont ta' flus li l-akkużat seraq mill-parte ċivile.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju, l-import ta' din is-sentenza, u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tal-Ordni, u jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**